MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 144/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Ebejer**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Ebejer talli:

(1) fl-14 ta' Frar 2007 fl-10.30am u fix-xhur ta' qabel, fil-kapacita` tieghu ta' General Manager tal-Kumpanija Bim Ltd li tinsab sitwata gewwa l-Marsa, naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta` ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol;

(2) fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem, u ta' kull persuna li jahdem ghal rasha, naqas li jaghmel, jew li jizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti, u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta` kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita` tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu jew mit-tmexxija tal-impriza;

(3) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem hames haddiema jew aktar, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu kopja bil-miktub jew li tista' tikiseb b' mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment;

(4) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem naqas milli jizgura li f'dawk il-postijiet fejn ihaddem ghadd sufficjenti ta' haddiema, ghandhom jigu eletti, maghzulin jew mod iehor, ir-Rapprezentanti ghas-Sahha u s-Sigurta` tal-haddiema, u liema rapprezentanti jigu konsultati minn qabel u fizmien ragonevoli minn min ihaddem dwar dawk il-hwejjeg li jistghu jaffetwaw is-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

(5) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem, naqas milli jobdi ordni ta' spettur, ordni moghtija bil-miktub li ggib id-data tal-4 ta' Jannar 2006, biex jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

(6) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanai bhala persuna li jhaddem, naqas milli jipprovdi u jizgura li jkun hemm taht il-kontroll tieghu, fil-hinijiet kollha, sinjali ta' sahha u/jew sigurta` kif imiss u xierqa u f'dawk il-kazijiet kollha fejn il-perikolu ma jistax jigi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet ghall-harisen kollettiv, jew b'mizuri, metodi jew proceduri li jintuzaw fl-organizzazzjoni tax-xoghol, jew

fejn ir-riskji li jirrizultaw minn dawn il-perikoli ma jistghux jigu mnaqqsa adegwatament hlief permezz ta’ twahhil ta’ sinjali xierqa;

(7) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem, naqas li jizgura li f’kull waqt ikun hemm persuni li jaghtu l-ewwel ghajnuna skond ma jkun adegwat u xieraq fic-cirkostanzi sabiex tkun tista’ tinghata l-ewwel ghajnuna lill-impjegati tieghu jekk ikorru jew jimirdu fuq il-post tax-xoghol;

(8) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem, naqas milli jizgura li fejn ikun hemm riskju ta’ kuntatt mekkaniku ma’ partijiet jiccaqilqu li jista’ jwassal ghal incidenti, dawk il-partjiet ghandhom ikunu pprovduti b’harsien jew strumenti li jevitaw access ghal zoni perikoluzi jew biex iwaqqfu l-movimenti ta’ partijiet perikoluzi qabel ma jintlahqu zoni perikoluzi;

(9) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem, naqas milli jizgura li ssir evalwazzjoni u assessjar xierqa minn zmien ghal zmien u jekk mehtieg ikejjel il-livelli tal-hoss li ghalihom huma esposti l-haddiema;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Mejju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 6(1) ta’ l-Att 27/2000, Kap. 424, ir-regolamenti 10(1)(2) ta’ l-Avviz Legali 36/2003, l-artikolu 6(4) ta’ l-Att 27/2000, Kap. 424, u r-regolamenti 13(1)(2) ta’ l-Avviz Legali 36/2003, l-artikolu 17(1) ta’ l-Att 27/2000, Kap. 424, ir-regolament 4(1) ta’ l-Avviz Legali 45/2002, ir-regolament 5(1) ta’ l-Avviz Legali 11/2002, ir-regolament 4 (Skeda I) ta’ l-Avviz Legali 282/2004, ir-regolament 3 ta’ l-Avviz Legali 185/2004 u r-regolament 4 ta’ l-Avviz Legali 158/2006, sabet lill-imsemmi Carmelo Ebejer hati u kkundannatu ghal multa ta’ sitt mitt euro (€600);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta’ Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien

ta’ htija, izda flok il-piena inflitta, tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Huwa jghid illi skond l-artikolu 38(3) tal-Kap. 424 il-piena minima kellha tkun ta’ €465.87 ghal kull infrazzjoni li f’dan il-kaz ifisser li l-*minimum* tal-multa kellu jkun €11,646.87 u mhux €600. Jirreferi ghal dak li gie ritenut fis-sentenza ta’ din il-Qorti **Il-Pulizija v. Angelus Bartolo et** moghtija fil-11 ta’ Jannar 2007 fis-sens li dawn huma kazijiet serji hafna u ghalhekk il-piena ghandha tkun aktar mill-*minimum*.

Waqt it-trattazzjoni ta’ l-appell, l-appellant irribadixxa permezz tad-difensur tieghu illi hawn ghandu japplika l-konkors formali jew ideali tar-reat. Sostna illi fl-ewwel imputazzjoni nsibu r-reat generiku filwaqt illi l-imputazzjonijiet l-ohra jindikaw x’kienu n-nuqqasijiet imsemmija fl-ewwel imputazzjoni u ghalhekk assorbiti f’dik l-ewwel imputazzjoni.

Issa, permezz ta’ l-ewwel imputazzjoni l-appellat gie akkuzat li naqas milli jhares is-sahha u sigurta` ta’ l-impjegati billi naqas mill jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol. Din l-imputazzjoni tiehu in konsiderazzjoni kemm is-subartikolu (1) kif ukoll is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta’ Malta. Sabiex tirrizulta din l-imputazzjoni, il-prosekuzzjoni kellha turi x’kienu n-nuqqasijiet lamentati. Dawn in-nuqqasijiet effettivament jirrizultaw mill-imputazzjonijiet l-ohra li taghhom l-appellat instab hati u ghalhekk tali imputazzjonijiet, proprju minhabba l-konkors formali jew

ideali, ghandhom jitqiesu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ghall-fini ta’ piena.[1]

Issa, in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2]. Dan il-principju japplika ugwalment kemm f’appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f’appelli intavolati mill-Avukat Generali fejn normalment l-Avukat Generali jkun qieghed jitlob li tizdied il-piena.

Fir-rikors ta’ appell l-Avukat Generali jghid illi l-piena nflitta hi taht il-*minimum* u li l-*minimum* kellu jkun €465.87 ghal kull infrazzjoni, cioe` €11,646.87. Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett li, peress illi kien hemm disa’ imputazzjonijiet, €465.87 moltiplikat b’9 jaghmel €4,192.83 u mhux €11,646.87, u li l-kalkolu li pprova jaghmel l-Avukat Generali l-anqas ma jiehu in konsiderazzjoni dak li jipprovdi l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Issa, il-piena pekunjarja preskritta mil-ligi f’dan il-kaz hi ta’ mhux anqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87. Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi stante l-assorbiment kif intqal. Din il-Qorti taqbel ma’ l-Avukat Generali illi kazijiet ta’ sahha u sigurta` huma kazijiet serji hafna, u l-piena ghandha b’xi mod tirrifletti n-natura tan-nuqqasijiet riskontrati. Difatti wiehed m’ghandu qatt jistenna li jigri xi incident qabel ma jiehu l-passi necessarji biex jottempera ruhu mal-ligi.

Pero`, il-fatti kollha rilevanti kienu quddiem l-ewwel Qorti u galadarba l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ma kinitx taht il-*minimum* kif sostna l-Avukat Generali u din giet inflitta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha wara li semghet il-provi kollha u ezaminat id-dokumenti esebiti, din il-Qorti, wara wkoll li llum hadet l-informazzjoni kollha mehtiega,

[1] Ara f’sens simili l-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. John Magro et**, 11 ta’ Dicembru 2008.

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija v. Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003.

ma tqisx li ghandha tissindika d-diskrezzjoni kif ezercitata mill-ewwel Qorti

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------